MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Numru 1126/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Raya Sellami Zammit**

**(ID 33471 (A))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata Raya Sellami Zammit:

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, gewwa Alfa Court, Blk K, Flat 5, Triq Sant' Elija, Fgura, fl-10 ta' Novembru 2014 u fil-granet ta' qabel, b'ikel, b'xorb, b'medicini jew bi vjolenza, jew b'kull mezz iehor ikkommettiet abort.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imsemmija persuna thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja, wara li nghatat zmien xieraq biex twiegeb;

Semghet l-ammissjoni tal-imputata fir-rigward tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha, kif registrata fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2014, meta sar l-ezami tal-istess imputata ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputata, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata u li mill-ewwel ikkoperat mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta ampjament mill-istqarrija rilaxxjata minnha. Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputata li hija wahda netta. Il-Qorti kkunsidrat illi l-Prosekuzzjoni m'hijiex tinsisti ghall-piena ta' prigunerija effettiva u kkunsidrat ukoll is-suggeriment maghmul lilha mill-partijiet dwar il-piena.

Dwar dan is-suggeriment, il-Qorti qieset *inter alia* l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata, fejn wara li anke ottjeniet parir legali, spjegat ir-ragunijiet li wassluha sabiex tikkommetti l-abort in kwistjoni. Qieset illi ghalkemm id-difiza fis-suggeriment taghha dwar il-piena, accennat ghall-fatt – del resto mhux pruvat ghajr ghal din is-sottomissjoni – illi l-fetu kien ser jitwieled *in ogni caso* minghajr hajja, anke minghajr l-intervent tal-medicini in kwistjoni, fl-istqarrija rilaxxjata minnha, l-imputata provdiet primarjament ragunijiet ohrajn ghal dan l-abort. In oltre, bir-rispett kollu, il-Qorti lanqas ma tqis illi r-raguni moghtija mid-difiza fis-sottomissjonijiet taghha, ghandha titqies bhala xi forma ta' attenwant. Biss tenut kont tac-cirkostanzi indikati fil-paragrafu precedenti, il-Qorti jidhrilha u taqbel f'dan ir-rigward mal-partijiet, illi piena ta' prigunerija effettiva ma tkunx wahda idonea ghall-kaz odjern.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 241 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u qed tikkundannaha ghal piena ta' **sentejn prigunerija** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tigi **sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin** mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car il-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Ai termini tal-Artikoli 392C u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tordna lill-hatja sabiex thallas nofs l-ispejjez tal-esperti li gew nominati fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar dan il-kaz, l-ammont ta' liema spejjez ghandu jigi stabbilit mir-Registratur hekk kif l-istess esperti jipprezentaw ir-relazzjoni taghhom jew jinghalaq il-process verbal, skond il-kaz.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------